TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 06

L-Erbgha, 4 ta' Dicembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech, Mark Pisani u Ryan Douglas Tanti.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 05 li saret nhar l-Erbgha, 6 ta' Novembru, 2024, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm Hwejjeg li Jirrizultaw mill-Minuti.

## 4 FETHA FI TRIQ PIETRU XUEREB, TISSEMMA GHALL-EWWEL SINDKU LABURISTA, IL-MIBKI SUNNY SANTO ATTARD

*4.1* Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru IX/06-1 (Appendici A) mressqa mill-Kunsillier Charles Grech sabiex fetha fi Triq Pietru Xuereb tissemma ghall-ewwel sindku laburista, is-Sur Sunny Santo Attard.

*4.2* Is-Sindku qal li kif kien gie deciz fl-ahhar seduta, tressqet din il-mozzjoni u li hu kien qed jissekondaha. Huwa qal li kienet saret laqgha mal-*owners* ta' din il-blokka fejn gie spjegat dan u kien hemm qbil maghhom ukoll li din il-fetha tissemma ghas-Sur Attard.

*4.3* Il-Kunsill qabel li flok il-kelma "fetha", tidhol il-kelma "misrah". Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*4.4* Il-Kunsillier Pisani qal li filwaqt li jaqbel mal-mozzjoni, jippreferi li l-mozzjoni tkun tirreferi ghas-Sindku Sunny Santo Attard flok is-Sindku Laburista Sunny Santo Attard. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*4.5* Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni kif emendata – *Rizoluzzjoni nru IX/22-1.*

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Il-Kunsill ircieva email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-attivita` Rigal b'imhabba'. Il-Kunsill qabel li jippartecipa izda kien hemm qbil li s-sigra tkun fl-ufficcju tal-Kunsill.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*6.1* ***Laqgha Project Green dwar il-Progett tal-Bandli***: Is-Sindku informa li l-Kunsill kellu laqgha ma' Project Green dwar il-progett tal-bandli. Il-Kunsill talab li jsir xi forma ta' protezzjoni biex il-bandli ikun maghluq. Minhabba l-estetika, Project Green infurmaw li ma kenux se jaghmlu hajt tal-gebel gholi. Ghalhekk intlahaq qbil sabiex il-*fence* li ser idawwar il-bandli u li kien ser ikun baxx, isir aktar gholi u jinkesa b'xi arbuxelli. Il-*concern* tal-Kunsill kien li bil-bandli miftuh, ser ikun hemm certu attivita` filghaxija u b'hekk dan gie indirizzat. Il-Kunsill issa ghandu din il-konferma u ghalhekk it-tender gie ppubblikat.

*6.2* ***Tender Cafetteria***: Is-Sindku informa li t-tender kien ghalaq u jrid jinhatar il-bord tal-ghazla. Hu ssugerixxa li f'dan il-bord, flimkien mieghu ikun hemm il-Vici Sindku u l-Kunsillier Josef Fitzpatrick. Kien hemm qbil unanimu dwar dan

*6.3* ***Estensjoni tal-UCA fil-lokalita`***: Is-Sindku qal li dwar dan ser issir konsultazzjoni man-nies ta' Triq Santa Monika u l-Kunsill ser ikun qieghed jibghat l-informazzjoni kollha lir-residenti bieb bieb u jkollhom cans sa seduta ohra tal-Kunsill sabiex tintbghat ir-risposta minghandhom. Sadanittant jista' jkun hemm gruppi ohra jew individwi li jitolbu ghall-estensjoni tal-UCA u l-Kunsill m'ghandux joggezzjona ghal dan. Is-Sindku qal ukoll li l-*feedback* li l-Kunsill jircievi minghand in-nies, m'ghandux jorbot b'xi mod id-decizjoni finali tal-Kunsill dwar dan. Kien hemm qbil dwar dan.

*6.4* ***Rigenerazzjoni tat-Torpedo Depot mill-GHRC***: Is-Sindku informa li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal laqgha mal-GHRC dwar ir-rigenerazzjoni tat-Torpedo Depot. Gew spjegati l-pjanti proposti, l-introduzzjoni ta' bike lane u dawl ahjar mal-genb tal-hamrija. Kien gie wkoll suggerit il-possibilta` li jsiru bandli flok il-gazebos izda dawn ma jistghux isiru minhabba li m'hemmx spazju bizzejjed skond is-safety standards tal-bandli. Dwar il-funtana hemm qbil li din tibqa' hemm jekk ikun hemm garanzija mill-Public Works li se jibqghu jaghmlu il-*maintenance* taghha. Decizjoni finali, dwar titnehhiex jew le il-funtana ghandha tittiehed waqt laqgha tal-Kunsill meta tasal ir-risposta mill-Public Works.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru..

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*8.1* Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 05. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**9. TMIEM**

***9.1*** Fis-6.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 8 ta' Jannar, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku